

Espansjoni urbana mhux ikkontrollata fl-Ewropa

L-Ewropa hija fost l-aktar kontinenti urbanizzati fid-dinja, b'madwar 75 % tal-popolazzjoni tagħha li tgħix f'żoni urbani. Madankollu, il-ġejjieni urban ta' l-Ewropa huwa kwistjoni ta' tħassib kbir. Aktar minn kwart tat-territorju ta' l-Unjoni Ewropea issa ngħata direttament għall-użu urban ta' l-art.

Sa l-2020, madwar 80 % ta' l-Ewropej se jkunu jgħixu f'żoni urbani. F'7 pajjiżi, il-proporzjon se jkun ta' 90 % jew aktar. B'Riżultat ta' dan, id-domanda għall-art ġewwa u madwar il-bliet qiegħda ssir għolja ferm. Ta' kuljum, ilkoll nassistu għal bidliet mgħaġġla, viżibbli u bidliet konfliktanti fl-użu ta' l-art li qegħdin jagħtu forma lill-pajsaġġi u jaffettwaw l-ambjent ġewwa u madwar il-bliet bħal qatt qabel.

Il-bliet qegħdin jinfirxu, u l-ħin u d-distanzi kemm bejniethom kif ukoll 'il ġewwa u 'l barra minnhom qegħdin dejjem jonqsu. Din l-espansjoni qiegħda sseħħ b'mod mifrux madwar l-Ewropa, immexxija minn stili ta' ħajja u ta' konsum li qegħdin jinbidlu, u hija magħrufa b'mod komuni bħala espansjoni urbana mhux ikkontrollata. Evidenza disponibbli turi b'mod konklussiv li l-espansjoni urbana mhux ikkontrollata akkompanjat it-tkabbir tal-bliet madwar l-Ewropa matul dawn l-aħħar 50 sena.

Espansjoni urbana mhux ikkontrollata sseħħ meta r-rata tal-bidla ta' l-użu ta' l-art u l-konsum għal użu urban taqbeż ir-rata tat-tkabbir tal-popolazzjoni għal żona partikolari fuq perijodu speċifikat. L-espansjoni mhux ikkontrollata bħalissa għandha tiġi bir-raġun meqjusa bħala waħda mill-aktar sfidi komuni li l-Ewropa urbana qiegħda tħabbat wiċċha magħha illum.

Studju pan-Ewropew riċenti juri espansjoni spazjali kontinwa u veloċi ta' l-ibliet: aktar minn 5 % f'għaxar snin (Figura 1), ekwivalenti għal tliet darbiet is-superfiċje tal-Lussemburgu. Iż-żoni bl-aktar effetti viżibbli ta' l-espansjoni urbana mhux ikkontrollata huma f'pajjiżi jew

f'reġjuni b'densità ta' popolazzjoni jew attività ekonomika għolja (il-Belġju, l-Olanda, il-Ġermanja t'isfel u tal-punent, l-Italja ta' fuq, ir-reġjun ta' Pariġi) u/jew tkabbir ekonomiku mgħaġġel (l-Irlanda, il-Portugall, il-Ġermanja tal-Lvant, ir-reġjun ta' Madrid). L-espansjoni mhux ikkontrollata hija partikolarment evidenti fejn il-pajjiżi jew reġjuni jkunu gawdew minn politiki reġjonali u fondi ta' l-UE. Wieħed jista' josserva wkoll mudelli ġodda ta' żvilupp, madwar bliet żgħar jew fil-kampanja, tul passaġġi tat-trasport u tul bosta partijiet tal-kosta mqabbdin ma' widien tax-xmajjar.

Storikament, it-tkabbir ta' l-ibliet fl-Ewropa kien immexxi minn żidiet fil-popolazzjonijiet

urbani. Madankollu, illum, anki fejn ma hemm l-ebda pressjoni ta' popolazzjoni jew ftit, diversi fatturi għadhom iwasslu għal espansjoni mhux ikkontrollata. Dawn għandhom l-oriġini tagħhom fix-xewqa li jinħolqu stili ġodda ta' għajxien f'ambjenti suburbani, 'il barra mill-belt interna.

It-taħlita tal-forzi wara dawn it-tendenzi tinkludi kemm tendenzi soċjo-ekonomiċi mikro kif ukoll makro. Il-kwalità tas-sistemi tat-trasport, il-prezz ta' l-art, il-preferenzi individwali ta' l-akkomodazzjoni, it-tendenzi demografiċi, it-tradizzjonijiet u l-limitazzjonijiet kulturali, l-attrazzjoni ta' żoni urbani eżistenti, kollha jaffettwaw il-mod kif tiżviluppa żona urbana. Forza



prinċipali oħra hija l-applikazzjoni ta' politiki ta' l-ippjanar kemm fuq livell lokali kif ukoll reġjonali. Stimulata mill-fondi ta' koeżjoni u strutturali ta' l-UE biex jappoġġjaw l-iżviluppi infrastrutturali, l-espansjoni ġiet aċċelerata b'risposta għal kollegamenti aħjar tat-trasport u mobiltà personali akbar.

Il-bliet, min-natura tagħhom, huma postijiet li fihom hemm konċentrazzjoni ta' ammonti kbar ta' nies f'żoni żgħar. Dan għandu xi vantaġġi evidenti f'termini ta' l-iżvilupp ekonomiku u soċjali. F'ċerti aspetti, jista' jkun ukoll ta' benefiċċju għall-ambjent. Per eżempju, l-użu ta' l-art u l-konsum ta' l-enerġija għandhom

it-tendenza li jkunu inqas f'żoni urbani meta mqabbla ma' żoni b'popolazzjonijiet imxerrda. L-iskart urban u t-trattament ta' ilma wżat igawdu minn ekonomiji ta' skala. Sussegwentement, problemi tradizzjonali tas-saħħa marbuta ma' l-ambjent minn ilma tax-xorb mhux sigur, faċilitajiet sanitarji mhux adegwati u

Figura 1 Espansjoni urbana mhux ikkontrollata u żvilupp artifiċjali ieħor ta' l-art, 1990–2000



Sors: Corine land cover database, EEA.

akkomodazzjoni fqira tista' tgħid li għebu mill-bliet fi ħdan l-UE. Madankollu, il-popolazzjoni urbana għadha tbagħti minn problemi ambjentali lokalizzati serji, fosthom l-espożizzjoni għall-istorbju, episodji ta' impatt qawwi ta' tniġġis ta' l-arja, il-ġestjoni ta' l-iskart, disponibilità ristretta ta' ilma frisk u nuqqas ta' spazju miftuħ.

Madankollu, it-tendenza ta' llum għal żoni urbani ġodda b'densità baxxa qiegħda twassal għal konsum akbar. L-ammont ta' spazju meħud minn kull persuna fil-bliet ta' l-Ewropa kiber b'aktar mid-doppju matul dawn l-aħħar 50 sena. Matul dawn l-aħħar 20 sena, il-medda taż-żoni mibnija f'bosta pajjiżi fl-Ewropa tal-Lvant u tal-Punent żdiedet b'20 %, filwaqt li l-popolazzjoni kibret biss b'6 %. B'mod partikolari, it-trasport (mobilità) jibqa' sfida kruċjali għall-ippjanar u l-ġestjoni

urbana. L-infrastruttura tat-trasport taffettwa l-pajsaġġ b'ħafna modi. L-issiġillar tal-ħamrija, li jżid l-effetti ta' l-għargħar, u l-frammentazzjoni ta' żoni naturali huma biss żewġ effetti.


Il-mobilità u l-aċċessibilità huma fatturi prinċipali fil-koeżjoni territorjali Ewropea. Huma wkoll elementi essenzjali fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja għall-komunitajiet. L-ammont ta' kilometri vvaġġati f'żoni urbani bi trasport bit-triq huwa previst li jiżdied b'40 % bejn l-1995 u l-2030. Il-livelli tal-pussess ta' karozzi fl-UE-10 għadhom mhumiex fl-istess livelli bħall-UE-15. Dan jissuġġerixxi aktar tkabbir fil-ġejjieni.

Jekk ma jsir xejn, il-konġestjoni tat-toroq hija mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti sa l-2010 u l-ispejjeż attribwibbli għall-

konġestjoni se jiżdiedu għal madwar 1 % tal-GDP ta' l-UE. Madankollu, l-infrastruttura tat-trasport tfisser aktar milli sempliċiment jiġu miżjuda l-kilometri tat-toroq u tal-ferrovija. Infrastruttura simili għandha tkun parti minn strateġija globali li tqis l-impatt globali ta' investiment indirizzat għall-ħolqien u s-sostenn ta' ekonomiji lokali u urbani. Hija għandha tkun parti minn żvilupp bilanċjat u poliċentriku li jnaqqas il-ħsara għall-ambjent.

Iżda l-istrateġiji u l-istrumenti sabiex tiġi kkontrollata l-espansjoni jiddependu bis-saħħa fuq ir-realtajiet ta' llum ta' livelli multipli u interattivi ta' governanza, minn dawk lokali għal dawk Ewropej. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-flussi finanzjarji sostanzjali li jagħtu forma lill-baġits ta' l-ippjanar. Fil-preżent, il-politiki

Figura 2 Fażijiet prinċipali fiċ-ċiklu ta' politika, sostnuti b'dejta, informazzjoni u għarfien



Sors: EEA.

ta' l-ippjanar ħafna drabi jirriflettu l-logjika tas-suq. Ikun aħjar li kieku jirriflettu viżjoni ta' żvilupp urban, fejn kunsiderazzjonijiet ambjentali u soċjali jkunu inkorporati b'mod sħiħ fil-politiki ta' l-ippjanar spazjali f'kull fażi taċ-ċiklu tal-politika, mill-identifikazzjoni tal-problema u t-tfassil tal-politika sal-fażijiet ta' l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' wara. Dan jista' jkollu diversi benefiċċji, fosthom:

- assigurazzjoni tal-koerenza tal-politika f'kull fażi taċ-ċiklu ta' politika (ara Figura 2);
- żjieda fil-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livelli kollha ta' responsabbiltà;
- użu effettiv ta' fondi strutturali u ta' koeżjoni fil-livell ta' UE, flimkien ma' regolamenti ambjentali, sabiex tiġi kkontrollata u mtaffija l-espansjoni mhux ikkontrollata;
- rimedju għall-fallimenti tas-suq li jmexxu l-espansjoni mhux ikkontrollata b'azzjoni fuq is-sinjali tal-prezzijiet għall-art, ġewwa, madwar u bejn żoni urbani;
- ġbir u qsim ta' eżempji ta' prattika tajba sabiex jiġu żviluppati bliet kumpatti;
- provvista ta' żoni ħodor fil-bliet.

Referenzi

EEA (2006), *Urban sprawl in Europe – the ignored challenge*, Rapport EEA Nru 10/2006, Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Kopenhagen.

European Environment Agency
Kongens Nytorv 6
1050 Copenhagen K
Denmark

Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: eea.europa.eu
Enquiries: eea.europa.eu/enquiries

